MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' 23 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 237/2002/1

**Carmel CARUANA**

**vs**

**Fabrizio BORG**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta;

Illi l-konvenut Fabrizio Borg għandu jħallas lill-attur is-somma bilanċjali ta' sitt elef u ħames mitt lira maltin (Lm6,500) skond ma jirriżulta mill-annessa skrittura privata datata 23 ta' Mejju 2001 u markata bħala Dok. "A", rappreżentanti l-prezz tat-twellija tal-ħanut "H.Q. Bar", numru ħamsa (5) Pjazza San Kalċidonju, Floriana;

Illi l-konvenut ħallas biss mis-somma bilanċjali ta' sitt elef u ħames mitt lira maltin (Lm6,500) dovuta lill-attur is-somma ta' mitt lira maltin (Lm100);

Illi għalhekk il-konvenut għad fadallu jħallas lill-attur is-somma bilanċjali ta' sitt elef u erba' mitt lira maltin (Lm6,400);

Illi l-konvenut ġie interpellat diversi drabi biex iħallas din is-somma bilanċjali iżda sal-lum baqa' inadempjenti;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma bilanċjali ta' sitt elef u erba' mitt lira maltin (Lm6,400) dovuta kif hawn fuq spjegat;

Bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittri bonarji tad-29 ta' Novembru 2001, tas-17 ta' Jannar 2002 u tal-15 ta' Frar 2002 u bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att kontra l-konvenut li hu nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeċiedi **billi tilqa' t-talba ta' l-attur** kif dedotta fiċ-ċitazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma bilanċjali ta' sitt elef u erba' mitt lira maltin (Lm6,400) dovuta kif hawn fuq spjegat bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittri bonarji tad-29 ta' Novembru 2001, tas-17 ta' Jannar 2002 u tal-15 ta' Frar 2002 u bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att, kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**23 t'Ottubru, 2002.**

**Charles Falzon**
**Deputat Reġistratur**
**23 t'Ottubru, 2002.**